**FIL-QORTI CIVILI**

**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta , 16 ta' Ottubru, 2018**

**Rikors nru: 207/18 AGV**

A

vs

B

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tar-rikorrenti , ipprezentat fil-26 ta' April, 2018 li permezz tieghu ppremettiet u talbet is-segwenti:-

Illi l-partijiet izzewwgu nhar it-8 ta' Ottubru , 2011 , u dan kif inhu evidenzjat mic-certifikat taz-zwieg , hawn anness u mmarkat bhala , Dokument TMF1.

Illi l-partijiet huma separati permezz ta' kuntratt pubbliku datat it-18 ta' Ottubru , 2016 , (ara Dok.TMF2 hawn anness).

Illi l-partijiet iddekadew mid-dritt taghhom li jircievu manteniment minghand xulxin , u dan kif jirrizulta minn klawsola numru 4 tal-kuntratt ta' separazzjoni vigenti bejniethom.

Illi l-partijiet ghandhom hajja kompletament separata minn xulxin.

Illi m'hemm ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom , stante , illi minbarra li ilhom snin mifrudin , (kif wara kollox gie ddikjarat fi klawsola numru 5 tal-kuntratt ta' separazzjoni fejn iddikjaraw li ilhom separati *de facto* minn April tas-sena 2013), illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin.

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonjiet kollha mehtiega ghall-ksib ta'divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghaldaqstant ir-rikorrenti , umilment jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tippronunzja d-divorzju, ossia l-hall taz-zwieg bejn il-partjiet;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Ra li l-intimat , debitament notifikat baqa' ma pprezentax risposta.

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat;

Il-Qorti rat li r-rikorrenti , irnexxielha tissodisfa r-rekwiziti kollha mehtiega mil-Ligi , sabiex iz-zwieg ta' bejn il-partijiet jigi mahlul , u dana peress illi ppruvat , illi l-partijiet ilhom sseparati *de facto* sa minn April tas-sena 2013 u ghalhekk aktar minn erba' snin u sussegwentement isseparaw legalment skond kuntratt ta' separazzjoni datat it-18 ta' Ottubru , 2016 , ippubblikat fl-atti tan-Nutar Dr. Sean Critien. Illi r-rikorrent ppruvat ukoll illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi:-

1. Tilqa' t-talba tar-rikorrent u tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet ai termini tal-Artikolu 66A, wara li gew soddisfatti r-rekwiziti tal-Artikolu 66B tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien ghaxart ijiem millum javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.
2. Tirriduci t-terminu ghall-appell ghall-gurnata.

L-ispejjes jibqghu bla taxxa.

**Imhallef**

**Deputat Registratur**